**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 666/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**Vs**

**Mohamed Gaber Selouma Abdelhafiz**

**Illum 26 ta' Awwissu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Mohamed Gaber Selouma Abdelhafiz**, ta' wieħed u tletin (31) sena, iben Gaber Selouma u Saida neè Fahmi, imwieled fit-28 ta' Marzu 1993 ġewwa l-Eġittu u residenti ġewwa fond Nru. 218, Flat 2, Triq il-Kbira, Birkirkara, u detentur tal-Passaport Eġizzjan bin-Numru A28131367, talli nhar il-Ħamis 22 ta' Awwissu 2024 għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30hrs) u/jew fix-xhur, ġranet, ġimgħat u/jew ħinijiet ta' qabel dan, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè lil Jacqueline Grima fastidju għal aktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-eks sieħba tiegħu Jacqueline Grima u dan bl-aggravvju minħabba l-fatt li d-delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorità tagħha kif ukoll id-delitt, jew id-delitti relatati twettaq jew twettqu ripetutament u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251A, 251H(a)(b) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bejn l-24 ta' Lulju 2024 u l-14 ta' Awwissu 2024 f'diversi ħinijiet ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika bil-ħsieb li jġiegħel lil Jacqueline Grima biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħha, jew biex jimmalafama lil Jacqueline Grima jew xi persuni oħra u għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur ta' l-Artikolu 49(b)(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Mohamed Gaber Selouma Abdelhafiz, a benefiċċju ta' Jacqueline Grima u l-familjari tagħha u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Mohamed Gaber Selouma Abdelhafiz għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali maħruġ ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, markat Dok. "X";

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "J";

Semgħet lill-imputat jiddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja kif ukoll jiddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti fehmitu bi kliem sempliċi l-implikazzjonijiet legali ta' tali amissjoni u tatu biżżejjed żmien sabiex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar il-Ħamis 22 ta' Awwissu 2024 għall-ħabta tad-9:30hrs u/jew fix-xhur, ġranet, ġimgħat u/jew ħinijiet ta' qabel dan, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè lil Jacqueline Grima fastidju għal aktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-eks sieħba tiegħu Jacqueline Grima u dan bl-aggravvju minħabba l-fatt li d-delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorità tagħha kif ukoll id-delitt, jew id-delitti relatati twettaq jew twettqu ripetutament u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251A, 251H(a)(b) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) U aktar talli bejn l-24 ta' Lulju 2024 u l-14 ta' Awwissu 2024 f'diversi ħinijiet ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika bil-ħsieb li jġiegħel lil Jacqueline Grima biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħha, jew biex jimmalafama lil Jacqueline Grima jew xi persuni oħra u għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur ta' l-Artikolu 49(b)(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet il-konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ħadet in

konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.
Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 31, 251A(1)(a)(b)(2)(4), 251H(a)(b) u 251HA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(b)(ċ) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Jacqueline Grima. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' sentejn (2) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront ta' l-imputat.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**